ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 62

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 54

26 ta' Frar 2011

Avviż Nru — Werrej — Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

OPINJONIJIET

**Il-Bank Ċentrali Ewropew**

2011/C 62/01 — Opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-28 ta' Jannar 2011 dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 98/78/KE, 2002/87/KE u 2006/48/KE fir-rigward tas-superviżjoni supplimentari ta' entitajiet finanzjarji f'konglomerat finanzjarju (CON/2011/6) .......... 1

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 62/02 — Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet (1) .......... 8

MT

Prezz:
EUR 3

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE, għajr f'dak li għandu x'jaqsam mal-prodotti rilevanti mal-Anness I tat-Trattat

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

| Avviż Nru | Werrej (ikompli) | Paġna |
|---|---|---|
| 2011/C 62/03 | Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet [1] | 12 |
| 2011/C 62/04 | Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet [2] | 16 |

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

| | | |
|---|---|---|
| 2011/C 62/05 | Rata tal-kambju tal-euro | 20 |
| 2011/C 62/06 | Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 94/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-dgħajjes illi jintużaw għar-rikreazzjoni [2] *(Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' standards armonizzati taħt id-direttiva)* | 21 |

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

| | | |
|---|---|---|
| 2011/C 62/07 | LIFE+ Sejħa għal proposti 2011 | 28 |


MT

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE, għajr f'dak li għandu x'jaqsam mal-prodotti rilevanti mal-Anness I tat-Trattat
[2] Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tat-28 ta' Jannar 2011**

**dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 98/78/KE, 2002/87/KE u 2006/48/KE fir-rigward tas-superviżjoni supplimentari ta' entitajiet finanzjarji f'konglomerat finanzjarju**

**(CON/2011/6)**

(2011/C 62/01)

### Introduzzjoni u bażi legali

Fit-30 ta' Settembru 2010 il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mingħand il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal opinjoni fuq proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 98/78/KE, 2002/87/KE u 2006/48/KE fir-rigward tas-superviżjoni supplimentari ta' entitajiet finanzjarji f'konglomerat finanzjarju [1] (minn hawn 'il quddiem id-"direttiva proposta").

Il-kompetenza tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea billi d-direttiva proposta fiha dispożizzjonijiet li jaffettwaw il-kontribuzzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) għat-tmexxija bla xkiel tal-politika dwar l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, kif imsemmi fl-Artikolu 127(5) tat-Trattat. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli ta' Procedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

### Osservazzjoni ġenerali

1. Il-BĊE jilqa' l-għan ewlieni tad-direttiva proposta, li huwa li tiżgura il-firxa xierqa ta' superviżjoni supplimentari ta' konglomerati finanzjarji, billi tagħlaq id-distakk li żviluppa bejn is-sistema ta superviżjoni supplimentari tal-Unjoni [2] u d-direttivi settorjali dwar is-servizzi bankarji u tal-assigurazzjoni.

### Osservazzjonijiet speċifiċi

*Trattament ta' kumpaniji finanzjarji b'parteċipazzjoni mħallta*

2. Il-BĊE jilqa' r-referenzi għal "kumpanija finanzjarja b'parteċipazzjoni mħallta" fid-dispożizzjonijiet tad-direttivi settorjali li jiddefinixxu l-ambitu tal-konsolidazzjoni tas-superviżjoni bankarja u s-superviżjoni ta' grupp tal-assigurazzjoni [3]. Dan jippermetti l-applikazzjoni ta' superviżjoni settorjali kkonsolidata/ta' grupp, minbarra s-superviżjoni supplimentari, ta' kumpanija b'parteċipazzjoni finanzjarja jew ta' kumpanija b'parteċipazzjoni assigurattiva li, bħala riżultat ta' espansjoni tal-attivitajiet tagħha għal settur finanzjarju ieħor, issir kumpanija finanzjarja b'parteċipazzjoni mħallta. Il-BĊE jikkunsidra illi intuwiti superviżorji relatati ma' attivitajiet settorjali miksubin permezz ta' supervizjoni kkonsolidata/ta' grupp jistgħu tassew ikunu kkumplimentati utilment mill-fehim ta' riskji kross-settorjali miksub permezz tas-superviżjoni supplimentari. Fl-istess ħin, għandhom jiġu żviluppati prattiċi superviżorji effiċjenti, li minn naħa ser jippermettu illi r-riskji rilevanti kollha jiġu nkorporati fis-superviżjoni, u, min-naħa l-oħra, ser jeliminaw koinċidenzi potenzjali fis-superviżjoni u jżommu kundizzjonijiet ekwi. Il-BĊE jirrakkomanda [4] illi l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASEi) jingħataw setgħat sabiex jadottaw, permezz tal-Kumitat Konġunt, linji gwida komuni f'dan ir-rigward.

*Trattament ta' kumpaniji għall-ġestjoni tal-assi*

3. Il-BĊE jilqa' l-inklużjoni espliċita ta' kumpaniji għall-ġestjoni tal-assi fit-testijiet tal-limitu għall-identifikazzjoni ta' konglomerati finanzjarji ([5]). Il-BĊE jirrakkomanda ([6]) illi kumpaniji għall-ġestjoni tal-assi jiġu allokati lis-settur fi ħdan il-konglomerat finanzjarju li miegħu huma jkollhom l-eqreb konnessjoni, li jrid jiġi speċifikat aktar fil-linji gwida superviżorji. Mill-perspettiva ta' valutazzjoni bbażata fuq ir-riskju din is-soluzzjoni ser tkun superjuri għall-allokazzjoni lill-"iċken settur finanzjarju" previst mid-direttiva proposta. Barra minn dan, il-BĊE jirrakkomanda ([7]), bħala konsegwenza tal-inklużjoni espliċita ta' kumpaniji għall-ġestjoni tal-assi fis-sistema ta' superviżjoni supplimentari, l-involviment tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq, flimkien mal-ASEi l-oħra, fl-iżvilupp ta' linji gwida li jikkonċernaw is-superviżjoni supplimentari ([8]). F'dan ir-rigward, il-kliem użat għandu jkun simili għal dak fid-Direttiva 2010/78/UE ([9]) jiġifieri "l-ASEi rilevanti, permezz tal-Kumitat Konġunt". L-involviment tal-ASEi kollha fl-iżvilupp ta' dawn il-linji gwida għandu jiżgura illi l-iskoperta ta' kwistjonijiet ta' tixrid, konċentrazzjoni u kumplessità u ta' kunflitti ta' interess huma indirizzati b'mod effettiv fis-setturi kollha u fl-entitajiet irregolati kollha ta' konglomerat finanzjarju. Bl-istess mod, fir-rigward tas-superviżjoni supplimentari ta' mekkaniżmi ta' kontroll intern u proċessi ta' ġestjoni ta' riskju ([10]), id-Direttiva 2002/87/KE għandha titlob il-konsistenza tas-superviżjoni supplimentari mal-monitoraġġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-konformità mar-regoli prudenzjali stabbiliti taħt id-Direttiva UCITS ([11]). Din il-konsistenza hija diġa mitluba bejn is-superviżjoni supplimentari u l-prattiċi superviżorji taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Bankarju ([12]) u d-Direttiva dwar is-Solvenza II ([13]).

*Formati ta' rappurtar*

4. Il-BĊE jirrakkomanda ([14]) l-applikazzjoni ta' formati, frekwenzi u dati ta' rappurtar armonizzati, fuq bażi tal-implimentazzjoni ta' standards tekniċi żviluppati mill-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt ([15]), għar-rappurtar ta' rekwiżiti għall-adegwatezza tal-kapital ikkalkulati għall-entitajiet rilevanti ta' konglomerat finanzjarju ([16]). Din l-armonizzazzjoni għandha ssegwi l-mudell diġa stabbilit fis-settur bankarju, fuq bażi ta' emenda tal-2009 tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Bankarju ([17]). Il-BĊE jifhem illi x-xogħol fuq l-armonizazzjoni tal-formati ta' rappurtar ser ikompli, *inter alia* b'konnessjoni mal-ħtiġijiet iġġenerati mill-implimentazzjoni tal-qafas tal-kapital Basel III fid-dritt tal-Unjoni. L-Ewrosistema għandha interess qawwi f'dan il-qasam fuq il-bażi tar-rwol tagħha fl-istabbiltà finanzjarja u ser isegwi l-progress ta' dan ix-xogħol b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni.

Fejn il-BĊE jirrakkomanda illi tiġi emendata d-direttiva proposta, qed tiġi stabbilita għal dan il-għan proposta għall-abbozzar fl-Anness flimkien ma' test ta' spjegazzjoni.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-28 ta' Jannar 2011.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

(1) COM(2010) 433 finali.

(2) Preżentement magħmula minn Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplimentari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi tal-assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju (ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1) u d-Direttiva 98/78/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 t' Ottubru 1998 dwar is-sorveljanza supplimentari ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fi grupp tal-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni (Ġurnal Uffiċjali Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 06 Volum 03 pġ. 151-162).

(3) Ara l-emendi għal Artikolu 1 u Artikoli 2(2), 3(1) 4(2) u 10(2), u fl-Annessi I u II għad-Direttiva 98/78/KE mdaħħlin minn Artikolu 1 u Anness I tad-direttiva proposta; ara l-emendi għal Artikoli 4, 71, 72, 84, 105, 125 sa 127, 129 u 141 sa 143 tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-bidu u l-eżerizzju tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1), imdaħħlin minn Artikolu 3 tad-direttiva proposta.

(4) Ara l-emenda 3 proposta fl-Anness għal din l-Opinjoni.

(5) Ara l-Artikoli 2(5) u 3(2), it-tielet paragrafu, ta' Direttiva 2002/87/KE, kif imdaħħlin minn Artikolu 2(1) u (2) tad-direttiva proposta.

(6) Ara l-emenda 1 proposta fl-Anness għal din l-Opinjoni.

(7) Ara l-emenda 2 proposta fl-Anness għal din l-Opinjoni.

([8]) Ara l-Artikoli 3(8), 7(5), 8(5), 9(6) u 11(5) ta' Direttiva 2002/87/KE, kif imdaħħlin minn Artikoli 2(2), u (4) sa (7) tad-direttiva proposta.

([9]) Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE, u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120).

([10]) Ara l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/87/KE.

([11]) Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi dwar l-impriżi għall-investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32). Il-monitoraġġ ta' sorveljanza ta' kumpaniji għall-ġestjoni tal-assi huwa msemmi fl-Artikolu 21(1) u fl-Artikolu 102(4)(a) tad-Direttiva UCITS; huwa jiffoka fuq l-assigurazzjoni tal-konformità ma' regoli prudenzjali meħtieġa li jiġu introdotti minn Artikolu 12 fir-rigward ta' kumpaniji għall-ġestjoni tal-assi u permezz ta' regoli oħrajn stabbiliti minn Artikoli 17 u 18 fir-rigward tal-offerta ta' servizzi ta' ġestjoni tal-assi permezz ta' fergħat u l-forniment ta' servizzi transkonfini.

([12]) Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar il-bidu u t-tkomplija tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu (riformulazzjoni) (ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1).

([13]) Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u t-tkomplija tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvenza II) (rifomualzzjoni) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

([14]) Ara l-emendi 4 u 6 proposti fl-Anness għal din l-Opinjoni.

([15]) Ara l-Artikolu 21a(2) tad-Direttiva 2002/87/KE, kif imdaħħal minn Artikolu 2(15) tad-Direttiva 2010/78/EU.

([16]) Ara l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2002/87/KE.

([17]) Ara it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 74(2) tad-Direttiva 2006/48/KE, kif imdaħħal minn Artikolu 1(14) tad-Direttiva 2009/111/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE fir-rigward ta' banek affiljati ma' istituzzjonijiet ċentrali, ċerti elementi ta' fondi proprji, skoperturi kbar, arranġamenti ta' sorveljanza, u l-ġestjoni tal-kriżijiet.(ĠU L 302, 17.11.2009, p. 97).

*ANNESS*

**Proposti għall-abbozzar**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE (1) |
|---|---|

***Emenda 1***

Artikolu 2(2)(a)

| | |
|---|---|
| "(a) It-tielet subparagrafu li ġej huwa miżjud mal-paragrafu 2:<br><br>'Il-kumpaniji għall-ġestjoni tal-assi fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 30 huma miżjudin mas-settur li għalih jappartjenu fi ħdan il-grupp; jekk ma jappartjenux esklussivament għal settur wieħed fi ħdan il-grupp, huma jiżdiedu mal-iċken settur finanzjarju ' " | "(a) It-tielet subparagraf li ġej huwa miżjud mal-paragrafu 2:<br><br>'Il-kumpaniji għall-ġestjoni tal-assi fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 30 huma miżjudin mas-settur li għalih jappartjenu fi ħdan il-grupp; jekk ma jappartjenux esklussivament għal settur wieħed fi ħdan il-grupp, huma jiżdiedu mas~~-l-iċken~~ settur finanzjarju **li miegħu għandhom l-eqreb konnessjoni**' " |

*Spjegazzjoni*

*Is-soluzzjoni preżenti li talloka kumpaniji għall-ġestjoni tal-assi lill-iċken settur fil-konglomerat finanzjarju mhijiex ibbażata biżżejjed fuq ir-riskju. Hija għandha tinbidel mill-kriterju tal-"eqreb konnessjoni", li jrid jiġi speċifikat aktar permezz ta' linji gwida komuni tal-ASE maħruġin taħt l-Artikolu 3(8) tad-Direttiva 2002/87/KE (ara l-emenda 2).*

***Emenda 2***

Artikolu 2(2)(f)

| | |
|---|---|
| "(f) Il-paragrafu 8 li ġej huwa miżjud:<br><br>'8. L-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għandhom joħorġu linji gwida komuni immirati lejn il-konverġenza ta' prattiċi superviżorji fir-rigward tal-applikazzjoni tal-paragrafi 2, 3, $3^{a}$, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu' " | "(f) Il-paragrafu 8 li ġej huwa miżjud:<br><br>'8. L-**ASEi rilevanti**, ~~Awtorità Bankarja Ewropea u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol~~ **permezz tal-Kumitat Konġunt**, għandhom joħorġu linji gwida komuni immirati lejn il-konverġenza ta' prattiċi superviżorji fir-rigward tal-applikazzjoni tal-paragrafi 2, 3, $3^{a}$, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu' " |

*Spjegazzjoni*

*Bħala riżultat tal-inklużjoni espliċita ta' kumpaniji għall-ġestjoni tal-assi fit-testijiet tal-limitu għall-identifikazzjoni ta' konglomerati finanzjarji, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq għandha tkun involuta, flimkien mal-ASEi l-oħra, fl-iżvilupp ta' linji gwida li jippromwovu l-konverġenza ta' prattiċi superviżorji li jikkonċernaw is-superviżjoni supplimentari ta' konglomerati finanzjarji. L-involviment tal-ASEi rilevanti kollha fl-iżvilupp ta' linji gwida bħal dawn għandu jiżgura illi kwistjonijiet ta' tixrid, konċentrazzjoni u kumplessità u ta' kunflitti ta' interess huma indirizzati b'mod effettiv fis-setturi kollha u fl-entitajiet irregolati kollha ta' konglomerat finanzjarju. Il-kliem użat f'dan ir-rigward jiġifieri ("l-ASEi rilevanti, permezz tal-Kumitat Konġunt") huwa simili għall-mudell stabbilit mid-Direttiva 2010/78/UE. Din l-emenda hija marbuta ma' emenda 5.*

***Emenda 3***

Artikolu 2(2a) (ġdid)

| | |
|---|---|
| (l-ebda test) | "(2a) **Il-paragrafu 6 li ġej huwa miżjud mal-Artikolu 5:**<br><br>**'6. L-ASEi, permezz tal-Kumitat Konġunt, għandhom joħorġu linji gwida komuni mmirati lejn l-iżvilupp ta' prattiċi superviżorji li jippermettu s-superviżjoni supplimentari ta' kumpaniji ta' investiment finanzjarju sabiex tikkumplimenta b'mod xieraq is-superviżjoni ta' grupp taħt id-Direttiva 98/78/KE jew, kif xieraq, superviżjoni konsolidata taħt id-Direttiva 2006/48/KE, u li ser tippermetti li r-riskji rilevanti kollha jiġu** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|
| | **inkorporati fis-superviżjoni, filwaqt li jiġu eliminati koinċidenzi potenzjali fis-superviżjoni u jinżammu kundizzjonijiet ekwi.** ' ” |

*Spjegazzjoni*

*Għandhom jiġu żviluppati prattiċi superviżorji effiċjenti sabiex jippermettu l-applikazzjoni parallela ta' superviżjoni ta' grupp settorjali kkonsolidata u superviżjoni supplimentari b'rabta ma' kumpanija finanzjarja b'parteċipazzjoni mħallta. L-ASEi rilevanti, permezz tal-Kumitat Konġunt, għandhom jingħataw setgħat biex jadottaw linji gwida komuni f'dan ir-rigward.*

***Emenda 4***

Artikolu 2(2b) (ġdid)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|
| (l-ebda test) | “(2b) **Il-subparagrafu 6 li ġej huwa miżjud mal-Artikolu 6(2):**<br><br>**'Mill-[1 ta' Jannar 2013], l-Istati Membri ser jeħtieġu formati, frekwenzi u dati uniformi għar-rappurtar tal-kalkoli li għalihon issir referenza f'dan l-Artikolu, b'konformità mal-istandards tekniċi stabbiliti skont l-Artikolu 21a(1)(d).' ”** |

*Spjegazzjoni*

*Bħalma huwa l-każ tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Bankarju, ir-rappurtar tar-rekwiżiti tal-adegwatezza tal-kapital ikkalkulati taħt id-Direttiva 2002/87/KE għandhom isegwu formati, frekwenzi u dati ta' rappurtar uniformi. Din l-emenda hija marbuta ma' emenda 6.*

***Emenda 5***

Artikolu 2(4) sa (7) u (10)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|
| “(4) Il-paragrafu 5 li ġej huwa miżjud mal-Artikolu 7:<br><br>'5. L-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għandhom joħorġu linji gwida komuni mmirati lejn il-konverġenza ta' prattiċi superviżorji fir-rigward tal-applikazzjoni ta' superviżjoni supplimentari tal-konċentrazzjoni ta' riskju kif stipulat fil-paragrafi 1 sa 4. Huma għandhom joħorġu linji gwida komuni speċifiċi dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 4 għal parteċipazzjoni tal-konglomerat finanzjarju f'każijiet fejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali tad-dritt tal-kumpaniji xxekkel l-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2).' | “(4) Il-paragrafu 5 li ġej huwa miżjud mal-Artikolu 7:<br><br>'5. L-~~Awtorità Bankarja Ewropea, u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol~~ **ASEi rilevanti, permezz tal-Kumitat Konġunt**, għandhom joħorġu linji gwida komuni mmirati lejn il-konverġenza ta' prattiċi superviżorji fir-rigward tal-applikazzjoni ta' superviżjoni supplimentari tal-konċentrazzjoni ta' riskju kif stipulat fil-paragrafi 1 sa 4. Huma għandhom joħorġu linji gwida komuni speċifiċi dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 4 għal parteċipazzjoni tal-konglomerat finanzjarju f'każijiet fejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali tad-dritt tal-kumpaniji xxekkel l-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2).' |
| (5) Il-paragrafu 5 li ġej huwa miżjud mal-Artikolu 8:<br><br>'5. L-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Awtorità Ewropea għall-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għandhom joħorġu linji gwida komuni mmirati lejn il-konverġenza ta' prattiċi superviżorji fir-rigward tal-applikazzjoni ta' superviżjoni supplimentari tat-tranżazzjonijiet fi ħdan il-grupp kif stipulat fil-paragrafi 1 sa 4. Huma għandhom joħorġu linji komuni speċifiċi dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 4 għall-parteċipazzjoni tal-konglomerat finanzjarju f'każijiet fejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali tad-dritt tal-kumpaniji jxekklu l-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2).' | (5) Il-paragrafu 5 li ġej huwa miżjud mal-Artikolu 8:<br><br>'5. L-~~Awtorità Bankarja Ewropea, u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol~~ **ASEi rilevanti, permezz tal-Kumitat Konġunt**, għandhom joħorġu linji ta' gwida komuni mmirati lejn il-konverġenza ta' prattiċi superviżorji fir-rigward tal-applikazzjoni ta' superviżjoni supplimentari tat-tranżazzjonijiet fi ħdan il-grupp kif stipulat fil-paragrafi 1 sa 4. Huma għandhom joħorġu linji gwida komuni speċifiċi dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 4 għall-parteċipazzjoni tal-konglomerat finanzjarju f'każijiet fejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali tad-dritt tal-kumpaniji xxekkel l-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2).' |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|
| (6) Il-paragrafu 6 li ġej huwa miżjud mal-Artikolu 9: | (6) Il-paragrafu 6 li ġej huwa miżjud mal-Artikolu 9: |
| ‘6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-istess linja fl-applikazzjoni tas-superviżjoni supplimentari ta’ mekkaniżmi ta’ kontroll intern u ta’ proċessi ta’ ġestjoni ta’ riskju kif stipulat f’dan l-Artikolu bil-proċessi ta’ reviżjoni superviżorja kif stipulat fl-Artikolu 124 ta’ Direttiva 2006/48/KE u l-Artikolu 36 ta’ Direttiva 2009/138/KE. Għal dan il-għan, l-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Awtorità Ewropea għall-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għandhom joħorġu linji gwida komuni mmirati lejn il-konverġenza ta’ prattiċi superviżorji fir-rigward tal-applikazzjoni ta’ superviżjoni supplimentari ta’ mekkaniżmi ta’ kontroll intern u ta’ proċessi ta’ ġestjoni ta’ riskju kif stipulat f’dan l-Artikolu, kif ukoll dwar il-konformità mal-proċessi ta’ reviżjoni superviżorja kif stipulat fl-Artikolu 124 ta’ Direttiva 2006/48/KE u l-Artikolu 36 ta’ Direttiva 2009/138/KE. Huma għandhom joħorġu linji gwida komuni speċifiċi għall-applikazzjoni ta’ dan l-Artikolu għall-parteċipazzjoni tal-konglomerat finanzjarju f’każijiet fejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali tad-dritt tal-kumpaniji jxekklu l-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2).’ | ‘6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-istess linja fl-applikazzjoni tas-superviżjoni supplimentari ta’ mekkaniżmi ta’ kontroll intern u ta’ proċessi ta’ ġestjoni ta’ riskju kif stipulat f’dan l-Artikolu bil-proċessi ta’ reviżjoni superviżorjai kif stipulat fl-Artikolu 124 ta’ Direttiva 2006/48/KE u l-Artikolu 36 ta’ Direttiva 2009/138/KE, **u bil-monitoraġġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-konformità mar-regoli prudenzjali stabbiliti taħt l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/65/KE**. Għal dan il-għan, l-~~Awtorità Bankarja Ewropea, u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol~~ **ASEi rilevanti, permezz tal-Kumitat Konġunt**, għandhom joħorġu linji gwida komuni mmirati lejn il-konverġenza ta’ prattiċi superviżorji fir-rigward tal-applikazzjoni ta’ superviżjoni supplimentari ta’ mekkaniżmi ta’ kontroll intern u ta’ proċessi ta’ ġestjoni ta’ riskju kif stipulat f’dan l-Artikolu, kif ukoll dwar il-konformità mal-proċessi ta’ reviżjoni superviżorja kif stipulat fl-Artikolu 124 ta’ Direttiva 2006/48/KE u l-Artikolu 36 ta’ Direttiva 2009/138/KE, **u bil-monitoraġġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-konformità mar-regoli prudenzjali stabbiliti taħt l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/65/KE.** Huma għandhom joħorġu linji gwida komuni speċifiċi għall-applikazzjoni ta’ dan l-Artikolu għall-parteċipazzjoni tal-konglomerat finanzjarju f’każijiet fejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali tad-dritt tal-kumpaniji jxekklu l-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2).’ |
| (7) Il-paragrafi 4 u 5 li ġejjin huma miżjudin mal-Artikolu 11: | (7) Il-paragrafi 4 u 5 li ġejjin huma miżjudin mal-Artikolu 11: |
| ‘[…]<br>5. L-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Awtorità Ewropea għall-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għandhom joħorġu linji gwida komuni immirati lejn il-konsistenza ta’ ftehim għall-koordinazzjoni tas-sorveljanza skont l-Artikolu 131a ta’ Direttiva 2006/48/KE and l-Artikolu 248(4) ta’ Direttiva 2009/138/KE.’ | ‘[…]<br>5. L-~~Awtorità Bankarja Ewropea, u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol~~**ASEi rilevanti, permezz tal-Kumitat Konġunt**, għandhom joħorġu linji gwida komuni immirati lejn il-konsistenza ta’ ftehim għall-koordinazzjoni tas-sorveljanza skont l-Artikolu 131a ta’ Direttiva 2006/48/KE u l-Artikolu 248(4) ta’ Direttiva 2009/138/KE.’ |
| […] | […] |
| (10) L-Artikolu 21b li ġej huwa mdaħħal:<br>“*Artikolu 21b*<br>**Linji Gwida Komuni**<br>L-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Awtorità Ewropea għall-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għandhom joħorġu l-linji gwida komuni imsemmijin fl-Artikolu 3(3), l-Artikolu 7(5), l-Artikolu 8(5), l-Artikolu 9(6) u l-Artikolu 11(5) b’konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru …/… li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea għall-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, wara kooperazzjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet ta’ Sorveljanza Ewropej.’ ” | (10) L-Artikolu 21b li ġej huwa mdaħħal:<br>“*Artikolu 21b*<br>**Linji Gwida Komuni**<br>L-~~Awtorità Bankarja Ewropea, u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol~~**ASEi rilevanti, permezz tal-Kumitat Konġunt**, għandhom joħorġu l-linji gwida komuni msemmijin fl-Artikolu 3(~~3~~8), l-Artikolu 7(5), l-Artikolu 8(5), l-Artikolu 9(6) u l-Artikolu 11(5) b’konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu ~~42~~56 tar-Regolament (UE) Nru…**1093/-2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010** li jistabbilixxi **Awtorità Superviżorja Ewropea** ~~l~~-(Awtorità Bankarja Ewropea), **li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|
| | **jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE**, ~~u~~ fl-Artikolu ~~42~~**56** tar-Regolament (UE) Nru.. **1094/-2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010** li jistabbilixxi **Awtorità Superviżorja Ewropea** ~~l-~~(Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), **li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE, u fl-Artikolu 56 ta' Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010** li jistabbilixxi **Awtorità Superviżorja Ewropea** ~~l-~~**(Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE**, wara kooperazzjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej.' " |

*Spjegazzjoni*

*Ara l-ispjegazzjoni taħt emenda 2, li magħha hija marbuta din l-emenda. Barra minn dan, fir-rigward tas-sorveljanza supplimentari ta' mekkaniżmi ta' kontroll intern u proċessi ta' ġestjoni ta' riskju, l-emenda proposta għall-Artikolu 9(6) tad-Direttiva 2002/87/KE għandha titlob il-konsistenza tas-superviżjoni supplimentari mal-monitoraġġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-konformità mar-regoli prudenzjali stabbiliti taħt id-Direttiva UCITS. Din il-konsistenza hija diġà meħtieġa bejn is-superviżjoni supplimentari u l-prattiċi superviżorji taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Bankarju u d-Direttiva dwar is-Solvenza II.*

***Emenda 6***

Artikolu 2(9a) (ġdid)

| | |
|---|---|
| (L-ebda test) | "(9a) **Il-punt (d) li ġej huwa mizjud mal-ewwel subparagrafu tal-Artiklu 21a(1):**<br>**'(d) L-Artikolu 6(6) sabiex jiżgura formati (bi struzzjonijiet assoċjati), frekwenzi u dati ta' rappurtar uniformi.'** " |

*Spjegazzjoni*

*Ara l-ispjegazzjoni taħt emenda 4, li magħha hija marbuta din l-emenda.*

(1) Il-grassett fil-korp tat-test jindika fejn il-BĊE qed jipproponi li jiddaħħal test ġdid. L-ingassar fil-korp tat-test jindika fejn il-BĊE qed jipproponi t-tħassir ta' test.

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE

**Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE, għajr f'dak li għandu x'jaqsam mal-prodotti rilevanti mal-Anness I tat-Trattat)**

(2011/C 62/02)

| | | |
|---|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 12.8.2010 | |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 112/10 | |
| Stat Membru | L-Olanda | |
| Reġjun | — | Oqsma mhux assistiti |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Regeling LNV-subsidies (investeringen in integraal duurzame stallen en houderijen) | |
| Il-bażi legali | Kaderwet LNV-subsidies: artikel 2 en 4<br>Regeling LNV-subsidies: artikel 2:37 t/m 2:41, Bijlage 2, hoofdstuk 4 | |
| It-tip tal-miżura | Skema | — |
| L-għan | Investiment fl-intrapriżi agrikoli | |
| Il-forma tal-għajnuna | Ghotja diretta | |
| L-estimi | Baġit globali: EUR 26,70 (miljun) | |
| L-intensità | 60 % | |
| It-tul ta' żmien | Sal-31.12.2013 | |
| Setturi ekonomiċi | Produzzjoni ta' annimali | |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Minister van Landbouw, Natuur en Voedselkwaliteit<br>PO Box 20401<br>2500 EK Den Haag<br>NEDERLAND | |
| Aktar informazzjoni | — | |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

| | | |
|---|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 22.11.2010 | |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 369/10 | |
| Stat Membru | Franza | |
| Reġjun | Vendée | Mhallta |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Programme d'aides en faveur de l'élevage bovin: lutte contre la rhino-trachéite infectieuse bovine (BVD) en Vendée | |
| Il-bażi legali | — Code général des collectivités territoriales et notamment l'article L 1511-1<br>— Délibération du Conseil général de la Vendée | |
| It-tip tal-miżura | Skema | — |
| L-għan | Mard tal-annimali | |
| Il-forma tal-għajnuna | Servizzi ssussidjati | |
| L-estimi | Baġit annwali: EUR 0,07 (miljun)<br>Baġit globali: EUR 0,26 (miljun) | |
| L-intensità | 66,00 % | |
| It-tul ta' żmien | 23.11.2010-31.12.2013 | |
| Setturi ekonomiċi | Agrikoltura, Forestrija u Sajd | |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Mme Françoise SIMON, chef du secteur AGRAP Conseil général de Vendée, service agriculture et pêche<br>40 rue du marécahal Foch<br>85923 La Roche Sur Yon Cedex 9<br>FRANCE | |
| Aktar informazzjoni | — | |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

---

| | | |
|---|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 12.11.2010 | |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 382/10 | |
| Stat Membru | Id-Danimarka | |
| Reġjun | — | Mhallta |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Tilskud til rådgivning af private skovejere om kortlægning og beskyttelse af fredskov m.v. i internationale naturbeskyttelsesområder.<br>(Aid for counselling concerning Natura 2000 forests) | |
| Il-bażi legali | Bekendtgørelse af lov om skove (LBK nr. 945 af 24.9.2009).<br>Bekendtgørelse om tilskud til rådgivning af private skovejere om kortlægning og beskyttelse af fredskov m.v. i internationale naturbeskyttelsesområder. | |
| It-tip tal-miżura | Skema | — |
| L-għan | Appoġġ Tekniku (AGRI), Protezzjoni tal-Ambjent | |

| | |
|---|---|
| Il-forma tal-għajnuna | — |
| L-estimi | Baġit annwali: DKK 0,60 (miljun)<br>Baġit globali: DKK 1,80 (miljun) |
| L-intensità | 100,00 % |
| It-tul ta' żmien | 1.1.2011-31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi | Agrikoltura, forestrija u sajd |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Skov- og Naturstyrelsen Haraldsgade 53<br>2100 København Ø<br>DANMARK |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

---

| | | |
|---|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 3.11.2010 | |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 389/10 | |
| Stat Membru | L-Italja | |
| Reġjun | Lombardia | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Imboschimento, ricostituzione del potenziale forestale e interventi preventivi (Misure 221, 223 e 226 del PSR) | |
| Il-bażi legali | Programma di sviluppo rurale della Regione Lombardia per il periodo di programmazione 2007-2013:<br>— Misura 221-Imboschimento di terreni agricoli,<br>— Misura 223-Imboschimento di superfici non agricole,<br>— Misura 226-Ricostituzione del potenziale forestale e interventi preventivi | |
| It-tip tal-miżura | Skema | — |
| L-għan | Forestrija | |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta | |
| L-estimi | Baġit annwali: EUR 10,00 (miljun)<br>Baġit globali: EUR 30,00 (miljun) | |
| L-intensità | 100,00 % | |
| It-tul ta' żmien | 1.1.2011-31.12.2013 | |
| Setturi ekonomiċi | Forestrija u qtugħ u trasport ta' siġar għall-injam | |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Regione Lombardia<br>Direzione Generale Agricoltura<br>Via Pola 12-14<br>20124 Milano MI<br>ITALIA | |

| | |
|---|---|
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

---

| | | |
|---|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 22.11.2010 | |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 390/10 | |
| Stat Membru | Il-Ġermanja | |
| Reġjun | Rheinland-Pfalz | Mhallta |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Förderung der Erhaltung von genetischen Ressourcen in der Landwirtschaft (Erhaltung genetischer Ressourcen — EGR) — 612-40304/RP00 | |
| Il-bażi legali | Gesetz über die Gemeinschaftsaufgabe „Verbesserung der Agrarstruktur und des Küstenschutzes" (GAK) vom 21. Juli 1988 (BGBl. I S. 1055) in der jeweils geltenden Fassung in Verbindung mit dem jeweiligen vom Planungsausschuss der Gemeinschaftsaufgabe „Verbesserung der Agrarstruktur und des Küstenschutzes" beschlossenen Rahmenplan, hier: Grundsätze für die Förderung der Erhaltung genetischer Ressourcen in der Landwirtschaft;<br>Verwaltungsvorschrift „Förderung der Erhaltung genetischer Ressourcen in der Landwirtschaft (Erhaltung genetischer Ressourcen — EGR)"<br>§§ 23 und 44 der Landeshaushaltsordnung (LHO) vom 20. Dezember 1971 (GVBl 1972, S. 2) und Verwaltungsvorschrift über den Vollzug der Landeshaushaltsordnung (VV-LHO) vom 20. Dezember 2002 (MinBl. 2003 S. 22) in der jeweils geltenden Fassung. | |
| It-tip tal-miżura | Skema | — |
| L-għan | Impenji agroambjentali, Protezzjoni tal-Ambjent | |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta | |
| L-estimi | Baġit annwali: EUR 0,10 (miljun)<br>Baġit globali: EUR 0,40 (miljun) | |
| L-intensità | 100,00 % | |
| It-tul ta' żmien | Sal-31.12.2013 | |
| Setturi ekonomiċi | Agrikoltura, Forestrija u Sajd | |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Dienstleistungszentrum Ländlicher Raum Westpfalz<br>Neumühle 8<br>67728 Münchweiler/A<br>DEUTSCHLAND<br><br>Tel. +49 630292160<br>Fax +49 6302921699<br>Posta elettronika: dlr-westpfalz@dlr.rlp.de | |
| Aktar informazzjoni | — | |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

**Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE**

**Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE, għajr f'dak li għandu x'jaqsam mal-prodotti rilevanti mal-Anness I tat-Trattat)**

(2011/C 62/03)

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 7.6.2010 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 332/09 |
| Stat Membru | Il-Belġju |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem il-benefiċjarju) | Indemnisation des pertes subies par les producteurs de pommes de terre suite aux mesures prises contre des organismes nuisibles |
| Il-bażi legali | Arrêté royal du 5 décembre 2004 fixant les cotisations de crise temporaires dues par les producteurs de pommes de terre pour l'indemnisation de pertes subies suite aux mesures prises contre des organismes nuisibles |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Jiġi miġġieled il-mard tal-pjanti |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | EUR 670 000 fis-sena |
| L-intensità | Massimu ta' 85 % |
| It-tul ta' żmien | Massimu ta' 6 snin |
| Setturi ekonomiċi | Agrikoltura |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Service public fédéral (SPF) santé publique, sécurité de la chaîne alimentaire et environnement<br>Eurostation II<br>Place Victor Horta, 40 bte 10<br>1060 Bruxelles/Brussel<br>BELGIQUE/BELGIË |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

---

| | | |
|---|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 12.11.2010 | |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 539/09 | |
| Stat Membru | Il-Ġermanja | |
| Reġjun | Baden-Württemberg | Artikolu 107(3)(c) |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Baden-Württemberg: Kommunale Agrarumweltprogramme der Städte Bietigheim-Bissingen, Heilbronn und Ludwigsburg | |

| | | |
|---|---|---|
| Il-bażi legali | 1. Stadt Bietigheim-Bissingen — Naturschutz und Landschaftspflegemaßnahmen -Förderprogramme Biotopverbund –Förderrichtlinien<br>2. Stadt Heilbronn — Richtlinie für das Ackerrandstreifenprogramm der Stadt Heilbronn<br>3. Stadt Heilbronn — Richtlinie für das Streuobstförderprogramm der Stadt Heilbronn<br>4. Ludwigsburg — Agrarumweltprogramm-Förderrichtlinien | |
| It-tip tal-miżura | Skema | — |
| L-għan | Impenji agroambjentali, Protezzjoni tal-Ambjent | |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta | |
| L-estimi | Baġit globali: EUR 1,82 (miljun) | |
| L-intensità | 100,00 % | |
| It-tul ta' żmien | Sal-31.12.2013 | |
| Setturi ekonomiċi | Produzzjoni ta' għelejjel u annimali, kaċċa u attivitajiet relatati | |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Städte Bietigheim-Bissingen, Heilbronn, Ludwigsburg<br>Bietigheim-Bissingen, Bauhof&Gärtnerei<br>Höpfigheimer Str. 26<br>74321 Bietigheim-Bissingen<br>DEUTSCHLAND<br><br>Heilbronn-Grünflächenamt<br>Cäcilienstr. 51<br>74072 Heilbronn<br>DEUTSCHLAND<br><br>Ludwigsburg — Bürgerbüro Bauen<br>Wilhelmstraße 5<br>71638 Ludwigsburg<br>DEUTSCHLAND | |
| Aktar informazzjoni | — | |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

---

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 21.12.2010 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 434/10 |
| Stat Membru | Spanja |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem il-benefiċjarju) | Primera implantación de sistemas agroforestales en tierras agrícolas (Medida 222 — Desarrollo Rural). |
| Il-bażi legali | Marco nacional español de Desarrollo Rural para el periodo 2007-2013<br>Programas de Desarrollo Rural (PDR) para el período 2007-2013 de las siguientes Comunidades Autónomas españolas: Aragón, Asturias, Canarias, Extremadura y Galicia |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |

| | |
|---|---|
| L-għan | Forestrija |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | Baġit kumplessiv ta' EUR 5,62 (miljun) |
| L-intensità | 85 % |
| It-tul ta' żmien | Sal-31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi | Forestrija |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Autoridades de gestión de los Programas de Desarrollo Rural de las Comunidades Autónomas |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 14.12.2010 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 443/10 |
| Stat Membru | Spanja |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem il-benefiċjarju) | Ayudas a inversiones no productivas (Medida 227 de Desarrollo Rural) |
| Il-bażi legali | Marco Nacional de Desarrollo Rural español 2007-2013<br>Programas de desarrollo rural (PDR) de las 17 Comunidades Autónomas españolas 2007-2013 |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Forestrija |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | Baġit globali ta' EUR 435,532409 (miljun) |
| L-intensità | 100 % |
| It-tul ta' żmien | Sal-31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi | Forestrija |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Autoridades de gestión de los Programas de Desarrollo Rural de las Comunidades Autónomas |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

| | | |
|---|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 15.12.2010 | |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 531/10 | |
| Stat Membru | Id-Danimarka | |
| Reġjun | — | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Guarantee scheme | |
| Il-bażi legali | Lov om Vækstfonden, nr. 571 af den 1. juli 2002 med senere ændringer, samt bekendtgørelse nr. 1013 af den 17. august 2007, og aktstykke vedtaget af Finansudvalget den 30. oktober 2009 | |
| It-tip tal-miżura | Skema | — |
| L-għan | — | |
| Il-forma tal-għajnuna | Garanzija | |
| L-estimi | — | |
| L-intensità | — | |
| It-tul ta' żmien | 16.12.2010-31.12.2011 | |
| Setturi ekonomiċi | Agrikoltura, Forestrija u Sajd | |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Vaekstfonden Strandvejen 104 A<br>2900 Hellerup<br>DANMARK | |
| Aktar informazzjoni | — | |

